**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Paul Magro**

Illum 7 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ptaul Magro ta' 42 sena, bin Paul u Emanuela xebba Scerri, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru 1973, residenti Leo Ben, Flat 2, Triq tal-Barrani, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 492273M talli fil-lejl ta' bejn it-02 u t-03 ta' Dicembru 2015, ghall-habta tal-23.15 ta' filghaxija, f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont i-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (mephedrone) minghajr awtorizizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghar-ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu;

4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru AAE 687 tal-ghamla Fiat Punto b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

Barra minn dan, l-imputat Paul Magro huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mitluba ai termini tal-artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti tidrilha xieraq.

Rat l-odni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni  u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz partikolarment il-fatt li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga, il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-imputat stess qieghed jirrikonoxxi li jehtieg li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 22/1985 u l-artikoli 49, 50 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan bil-kundizzjoni li l-hati jsegwi programm residenzjali sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Inoltre' tiskwalifika lil Paul Magro milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal himistax-il gurnata liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tallum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat